



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2010/2010(INI)

25.6.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli
(2010/2010(INI))

Rapporteur: Edward Scicluna

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa tal-opinjoni li l-kriżi soċjali u ekonomika globali attwali, li naqqset il-pass tal-bidliet fl-użu tal-enerġija u tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju, ma għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli jagħmlu t-tranżizzjoni lejn ekonomija kompetittiva, aktar sostenibbli, b'livell baxx ta' karbonju u effiċjenti fir-rigward tar-riżorsi, billi din il-miżura tagħmilhom aktar reżistenti, inqas dipendenti minn importazzjonijiet li dejjem jogħlew fil-prezz u aktar kompetittivi;
2. Isostni li strateġija Ewropea għall-impjiegi għandha tikkunsidra l-effetti ekonomiċi tat-tibdil fil-klima fuq is-swieq tax-xogħol Ewropej, l-attivitajiet ekonomiċi maħsuba sabiex jadattaw għal dawn il-bidliet, u l-attivitajiet l-oħra li jirriżultaw mill-bidliet fil-politika li għandhom l-għan li jtaffu t-tibdil fil-klima;
3. Jenfasizza li ekonomija ekoeffiċjenti u impjiegi ekoloġiċi jistgħu jiġu promossi billi l-piż tat-taxxa jiċċaqlaq minn fuq ix-xogħol u l-intrapriżi u jmur fuq ir-riżorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli, u li dan jevita wkoll impatti ambjentali negattivi;
4. Jinnota li l-Kummissjoni għandha tiegħu vantaġġ mill-preparazzjonijiet għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss sabiex tippromwovi suq tal-impjieg sostenibbli billi tagħmel enfasi fuq l-impjiegi ekoloġiċi;
5. Jitlob lill-Eurostat, lill-OECD u lill-aġenziji tal-istatistika tal-Istati Membri kollha biex jikkunsidraw ir-ristrutturazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi biex jirriflettu aħjar l-industriji ambjentali l-ġodda, li attwalment huma moħbija minħabba li jinsabu inkorporati fil-klassifikazzjoni industrijali konvenzjonali, permezz tal-introduzzjoni ta' kodiċi NACE separat;
6. Jinnota li, skont l-OECD, is-settur tas-servizzi u l-prodotti ambjentali għandu l-potenzjal li jipprova impjiegi għal firxa wiesgħa ta' ħiliet u kapaċitajiet, inklużi ħaddiema b'ħiliet baxxi, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni speċjali lil dan il-grupp vulnerabbli;
7. Jidhirli li, minħabba t-tendenzi demografiki, fil-qasam tas-servizzi soċjali u tas-saħħa hemm potenzjal kbir għall-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, potenzjal li jista' jintuża fl-ambitu ta' politika tax-xogħol effikaċi;
8. Huwa tal-fehma li l-politika tax-xogħol għandha rwol ċentrali fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u għalhekk jitlob, fi qbil mal-programm "Xogħol Deċenti" tal-ILO, kundizzjonijiet tax-xogħol kwalitattivament tajbin u salarji li mhux biss jiżguraw għajxien diċenti iżda wkoll jiggwarantixxu sehem xieraq tal-PGD;
9. Jenfasizza li t-tranżizzjoni għal ekonomija favur l-ambjent se teħtieġ programmi adegwati ta' taħriġ u ta' edukazzjoni, u li f'xi każijiet jeħtieġ li l-universitajiet jikkunsidraw li joffru

oqsma ta' studju u dixxiplini prinċipali kompletament ġodda, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod urġenti d-disparità fil-ħiliet li diġà teżisti bejn il-ħaddiema disponibbli u l-ħtiġijiet tal-industrija ekoloġiċi;

10. Jitlob sistemi ta' ffinanzjar effiċjenti u inċentivi fiskali biex jgħinu lill-SMEs jimxu lejn politiki tal-impjieg ekoloġiċi u jiżguraw produzzjoni u innovazzjonijiet ekoloġiċi;
11. Jitlob li l-industrija tiġi involuta fl-innovazzjoni ekoloġika, billi l-imprendituri għandhom rwol importanti ħafna fit-tixrid usa' tal-ekoinnovazzjoni; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-informazzjoni lill-imprendituri – permezz tad-dimostrazzjoni ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju – se tkun kruċjali għas-suċċess ta' strateġija li timmira lejn l-iżvilupp ta' ekonomiji effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ta' industrija sostenibbli;
12. Jisħaq li, minħabba r-ristrutturazzjoni mħaffa antiċipata b'reazzjoni kemm għall-kriżi globali kif ukoll għat-tibdil fil-klima, l-Istati Membri għandu jkollhom l-obbligu jippreparaw qafas li jippreċiża biċ-ċar kif il-gvernijiet, min iħaddem u l-ħaddiema huma mistennija jadattaw;
13. Huwa tal-opinjoni, filwaqt li jaqbel li strateġija Ewropea għall-impjiegi għandha tiddefinixxi "l-impjiegi ekoloġiċi" bl-aktar mod wiesa' possibbli, li għandhom isiru distinzjonijiet bejn il-kontroll tat-tniġġis, ir-riċiklaġġ, il-ġestjoni tal-iskart, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, l-attivitajiet tat-trattament tal-ilma, il-konservazzjoni tan-natura, il-produzzjoni tat-teknoloġiji ambjentali, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u ta' taġġmir relatat kif ukoll ir-Riċerka u l-Iżvilupp ambjentali.
14. Jesprimi t-ħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' mobilità tax-xogħol fis-suq intern tal-Unjoni Ewropea; jinnota li għad hemm restrizzjonijiet fuq il-moviment ħieles tal-ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda u li l-possibbiltà tat-trasferiment tad-drittijiet soċjali huwa limitat;
15. Jesprimi t-ħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg fuq żmien twil li żviluppa fis-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea matul l-aħħar għoxrin sena, fejn hemm tendenza li speċjalment iż-żgħażaġh, dejjem aktar spiss qed ikollhom kuntratti għal żmien qasir b'kundizzjonijiet tax-xogħol inferjuri; huwa tal-fehma li l-impjiegi ġodda maħluqa taħt dawn iċ-ċirkostanzi ma jistgħux jitqiesu bħala sostenibbli; iħoss li dawn in-nuqqasijiet strutturali jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-kuntest tal-għan li jiġi żviluppat il-potenzjal tax-xogħol ta' ekonomija sostenibbli ġdida;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.6.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Vicky Ford, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Enikő Győri, Liem Hoang Ngoc, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Íñigo Méndez de Vigo, Sławomir Witold Nitras, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, David Casa, Iliana Ivanova, Syed Kamall, Philippe Lamberts